**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 70/17AL

AB
VS
CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremmeta :

Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) – certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. "A".

Illi minn dan iz-zwieg twieldet wild wahda, G B , li ghadha minorenni.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat 17 ta' Frar 2016 (Dok. B), izda ilhom *de facto* seaprati ghal aktar minn erba` snin, minghajr l-ebda possibilta` li huma jirrikonciljaw.
Inoltre, qed jigi konfermat li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi ghalhekk, jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata Caroline Delia, bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fiz-zmien hekk akkordat minnha, biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

Illi l-partijiet zzewgu nhar l-erbgha ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (04/02/2006);

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat is-sbatax ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (17/02/2016) fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qeghdin jigu rispettati, u f'dan l-istadju m'hemmx arretrati, u ghaldaqstant l-esponenti ma topponix ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi l-esponenti taqbel illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u l-partijiet illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-esponenti m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi xolt;

Illi pero’ jinghad illi l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tiehu dan id-divorzju u m’hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu, u ghaldaqstant toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma din il-kawza;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Marzu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta’ Frar, 2016, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.